**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ**

## Laqgħa Nru. *16/07/2016*

Data: It-Tlieta 24 ta' Mejju 2016

Hin: Fis-6.00 ta' filgħaxija

Post: Fil-Bini tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ

---

Preżenti: *Is-Sur Nicky Saliba – Sindku*
*Is-Sur Daniel Cordina – Deputat Sindku*
*Is-Sur Christian Cassar – Kunsillier*
*Is-Sinjura Sandra Grech – Kunsilliera*
*Chev. Carmelo Saliba – Kunsillier*

*Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Eżekuttiva*

Skużati: *Is-Sinjura Marija Saliba – Chairperson Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn*

Assenti:

---

## AĠENDA

1. Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħat bin-nru. 14/07/2016 u 15/07/2016;

2. Punti mqajma mill-Minuti Laqgħat bin-nru. 14/07/2016 u 15/07/2016;

3. Korrispondenza;

4. Ilmenti u Suġġerimenti;

5. Approvazzjoni tal-Pagamenti;

6. Sejħiet għall-offerti:
   Kostruzzjoni ta' latrina pubblika fil-Bajja tax-Xwejni
   Akkwist u twaħħil ta' tabelli tat-traffiku;

7. Inawgurazzjoni tal-proġett ta' Pjazza l-Assunta;

8. Affarijiet Oħra;

9. Aġġornament.

Ippresjeda l-laqgħa s-Sindku s-Sur Nicky Saliba.

## TALBA

Intqalet talba mis-Sindku u ngħata bidu għall-laqgħa.

## 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI LAQGĦAT BIN-NRU. 14-15/07/2016

1.1 Billi l-minuti tal-laqgħat bin-nru. 14-15/07/2016 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

1.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li setgħa kien hemm għall-minuti.

1.3 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti u staqsa għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu. Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

## 2. PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI LAQGĦAT BIN-NRU 14-15/07/2016

### MINUTI 14/07/2016

2.1 Dwar il-*caravan* li kien hemm fi Triq il-Batterija, is-Sindku għarraf lill-kamra li dik il-*caravan* kienet inħarqet u li kien avża lill-Pulizija li l-*caravan* ma kienx ġabarha hu. Is-Segretarja Eżekuttiva qalet li kienet bagħtet lil Richard Axiaq biex jiġbor il-ħadid tagħha u jnaddaf il-ħmieġ li setgħa kien hemm.

2.2 Il-Kunsillier C Saliba rrefera għall-4.1 u qal li kien iltaqa' mas-Sur Tabone u qallu li kien għadu ma sar xejn fuq il-bankina. Is-Sindku qal li dik il-bankina għandu jirranġaha Sammy Spiteri.
Il-Kunsillier Saliba qal hemm xi ħaġa mhux qed tiffunzjona.

2.3 Ma tqajjmux punti mill-Minuti 15/07/2016.

## 3. KORRISPONDENZA

3.1 Il-korrispondenza ttieħdet bħala moqrija mill-Kunsill.

3.2 Komunikat mibgħut mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru dwar laqgħa mal-Kummissarju L-Onor Anthony Agius deCelis dwar Burokrazija. Is-Sindku u l-Kunsilliera Grech ikkonfermaw l-attendenza tagħhom għal din il-laqgħa.

3.3 Ittra tal-Aġenzija Żgħażagħ dwar il-proġett Kunsill Lokali Żgħażagħ Żebbuġ 2016/2017. Il-Kunsill qabel ma' dan il-proġett. Il-Kunsillier Cassar għandu jitkellem mal-grupp taż-żgħażagħ biex jara magħhom jekk humiex interessata fil-proġett.

3.4 Komunikat mibgħut mill-MUESAC dwar fondi għal proġetti infrastrutturali mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali.

3.5 Ittra mibgħuta mill-Planning Authority dwar fondi disponibbli għall-lokalita` mill-UIF.
Is-Sindku qal dawn il-fondi jistgħu jintużaw għall-*belvedere* propost fi Triq Għajn Mhelhel.

3.6 Ittra tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali każ nru. 291/16 – Ħlas illegali. Il-Kunsill iddeċieda li jirrispondi lid-dipartiment u jinfurmah li kien approva programm ta' attivitajiet għall-okkażjoni tal-festa ta' Sta Marija u kemm jista' jkun jinvolvi l-Għaqdiet tal-lokalita` (jiġu kwotata l-minuti).

3.7 Ittra tal-Uffiċċju Eko Għawdex – Ministeru għal Għawdex dwar attivita` għall-anzjani li tkun tinkludi taħdita dwar is-saħħa u l-prekawzjonijiet li għandhom jittieħdu matul is-sajf. Il-Kunsill qabel li aktar il-quddiem jorganizza ħarġa u din it-taħdita tkun parti mill-programm.

3.8 Is-Sindku ppropona u l-Kunsill qabel li ssir ħarġa bit-trejn wara waħda mill-Erbgħat ta' Sta Marija.

3.9 Ittra tar-Reġjun Għawdex dwar ħruġ ta' offerti reġjonali f' isem il-Kunsilli Lokali ta' Għawdex. Kien hemm qbil li għandu jibqa' kollox kif inhu.

3.10 Ittra tar-Reġjun Għawdex bis-suġġett 'Stedina għall-kollaborazzjoni fil-parteċipazzjoni tal-manifestazzjoni tal-Melħ fil-Belt ta' Cervia l-Italja'. Il-Kunsill qabel li jieħu sehem f' din il-manifestazzjoni. Is-Sindku qal aktar dettalji għandhom jingħataw il-quddiem.

3.11 Ittra tal-Valletta 18 dwar l-attivita` 'L-ikla t-Tajba'. Il-Kunsill iddeċieda li juri l-interess tiegħu għal din l-attivita`.

3.12 Ittra tal-Awtorita` tal-Ippjanar dwar l-applikazzjoni għal permess għal kisi bil-konkos ta' passaġġ fi Triq Wied l-Infern. Il-Kunsill approva l-ħlasijiet tal-permess dovuta lill-Awtorita` tal-Ippjanar.

| Applikazzjoni għall-permess tal-Kunsill Lokali | Deċiżjoni meħuda mill-Kunsill Lokali |
|---|---|
| (i) Catermax Ltd<br>Għal ċerimonja ta' żwieġ u ikla nhar il-11 ta' Lulju 2016 mis-7.00am sa nofsillejl fix-Xwejni. | Approvata. |

## 4. ILMENTI U SUĠĠERIMENTI

**4.1** Ilment 15/2016 – il-Kunsillier C Saliba
Ressaq dawn il-proposti:

- Biex isiru *penants* fuqhom l-istemma taż-Żebbuġ. Approvati li jinxtraw ħamsin *penant* mingħand Horace Enterprises.
- Biex isir *reprint* tal-ktieb 'Żebbuġ Marsalforn'. Il-Kunsill qabel li dan il-ktejjeb ikun aġġornat bl-aħħar informazzjoni dwar il-Kunsill u tintalab stima lill-awtur tal-ktieb.
- Tinxtara statwa ta' Sta Marija għal ġol-bini tal-Kunsill mingħand il-parroċċa. Approvata.

**4.2** Ilment 16/2016 – Profs E Grech
Issuġġerixxa li *railings* li hemm fi Triq l-Oniċi jinbarax u jinżebagħ.
Is-Sindku qal dak ir-*railing* spiċċut.
Gie deċiż li l-Perit jintalab joħroġ stima tax-xogħol biex jinbidel *railing* fi Triq l-Oniċi u r-*railing* ta' Sqaq Anton Mallia (ta' Sqaq Anton Mallia jkun *maintenance free*).

**4.3** Ilment 17/2016 – Is-Sur J Zammit
Biex jinżabar il-bruk fl-inħawi ta' Taħt ix-Xifer. Il-Kunsill approva li ż-żbir tal-bruk isir minn Gam Gam Services.

**4.4** Ilment 19/2016 – is-Sinjura A Vella
Biex issir bankina ġdida quddiem ir-residenza nru. 5 fi Triq taċ-Ċaqra (il-madum tipprovdih hi). Talba approvata mill-Kunsill.

**4.5** Ilment 20/2016 – is-Sur J Zahra
Talab biex tinkesa bil-*bricks* parti mill-bankina tal-*playing field* ta' maġenb l-iskola. It-talba kienet approvata.

## 5. APPROVAZZJONI TAL-KONTIJIET

5.1 Skeda tal-ħlasijiet bin-nru. 13/2016 – DOK A għall-perijodu bejn is-6 ta' April 2016 u s-17 ta' Mejju 2016 li tammonta għal €40,420.69 kienet approvata u ffirmata.

5.2 Dwar iż-żjara tiegħu u tas-Sindku ġewwa Lanuvio, il-Kunsillier Saliba qal hu kif ukoll is-Sindku għamlu xi spejjeż meta kienu msiefra u ħarġu l-flus minn bwiethom.

5.3 Is-Segretarja Eżekuttiva qalet li kienet se titlob linji gwida lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

Is-Sindku ssospenda l-Aġenda biex indirizzat lill-Kamra s-Sinj. A Tabone dwar it-talba tagħha għal *reserved parking bay* għall-persuni b' diżabilita` fi Triq il-Kappillan Franġisk Vella.

Il-Kunsill approva li japplika għal *communal parking bay* għall-persuni b' diżabilita` fi Triq il-Kappillan Franġisk Vella (il-fuq mill-isqaq li jgħaqqad ma' Triq Ġoma).

## 6. SEJĦIET GĦALL-OFFERTI

### KOSTRUZZJONI TA' LATRINA PUBBLIKA FIL-BAJJA TAX-XWEJNI

6.1 Is-Segretarja Eżekuttiva għarrfet lill-Kamra li kienu ntefgħu erba' offerti għall-kostruzzjoni ta' latrina pubblika fil-Bajja tax-Xwejni. Qalet li l-offerti huma ta', bil-valur:

| | |
|---|---|
| Road Construction Co Ltd | €39,925.00 |
| Gatt Tarmac Ltd | €47,797.48 |
| Patrick & Domenic Refalo | €47,104.94 |
| Peter Paul Said | €41,529.34 |

6.2 Is-Segretarja Eżekuttiva qalet li kienet għaddiet kopja tal-offerti mitfugħa lill-Perit biex jagħmel evalwazzjoni tagħhom pero` sakemm ġiet għall-laqgħa kien għadu ma għaddiex ir-rapport tiegħu.

### AKKWIST U TWAĦĦIL TA' TABELLI TAT-TRAFFIKU

6.3 Is-Segretarja Eżekuttiva għarrfet lill-Kamra li kienu ntefgħu żewġ offerti għall-kuntratt ta' akkwist u twaħħil ta' tabelli tat-traffiku. Qalet li l-offerti huma ta', bil-valur:

Refalo Signs (1) €21.06

(2) €23.56
(3) €43.60 €30.60/pole
(4) €73.10 €27.14/wall bracket
(ma ssottomettiex il-garanzija bankarja mitluba).

Oliver Smart Signs (1) €45.00
(2) €68.50
(3) €100.25
(4) €152.36

6.4 Is-Segretarja Eżekuttiva qalet li kienet għaddiet kopja tal-offerti mitfugħa lill-Perit biex jagħmel evalwazzjoni tagħhom pero` sakemm ġiet għall-laqgħa kien għadu ma għaddiex ir-rapport tiegħu.

## 7. INAWGURAZZJONI TAL-PROĠETT TA' PJAZZA L-ASSUNTA

7.1 Kien maqbul li l-irħama ta' tifkira titwaħħal mal-*mile stone* li hemm fi Pjazza l-Assunta n-naħa ta' Għajn Mhelhel.

7.2 Il-Kunsill qabel li l-programm ikun preżentat mis-Sinj. Diane Calleja bis-sehem tal-Kor Regina Angelorum. Isiru diskorsi tal-okkażjoni mill-Perit Scerri, is-Sindku u l-President ta' Malta. It-tberik tal-lapida jsir mill-Arċ. Reuben Micallef.

## 8. AFFARIJIET OHRA

8.1 Is-Sindku ppropona u l-Kunsill qabel li ssir laqgħa ma' Fr Joseph Attard wara l-quddiesa ta' filgħaxija.

**L-IFFIRMAR TAL-PATT TA' ĦBIBERIJA MAL-COMUNE DI LANUVIO**

8.2 Is-Sindku qal li kienu ltaqgħu mas-Sindku u l-Kunsillieri tal-Comune di Lanuvio. Qal hemm insistenza minn naħa tagħhom biex ikun iffirmat il-ġemellaġġ. Qal entużjasti ħafna li l-patt ta' ħbiberija jitkompla u qal hemm ħafna x' nistgħu nibbenifikaw bħal fil-qasam tal-kultura u edukazzjoni.

8.3 Il-Kunsillier C Saliba qal għandna x' ingawdu ż-żewġ lokalitajiet minn dan il-ġemellaġġ. Il-Kunsillier Saliba qal li għall-festa ta' Santa Marija għandna ninvitawhom biex wara l-festa jerġa' jmur grupp ieħor minn fostna.

8.4 Is-Sindku rringrazzja lill-Kunsillier Saliba li kien ta għajnuna kbira. Il-Kunsillier Saliba qal li dan kien għamlu b' dover.

8.5 Is-Sindku qal is-siġar li tħawwlu s-Sagħtrija kienu qed jissaqqew darbtejn fil-ġimgħa.

8.6 Il-Kunsill qabel li s-siġar taż-żebbuġ ta' Triq iż-Żebbuġ jinħartu u jissaqqew minn Fredu Attard.

8.7 Il-Viċi Sindku tkellem dwar:

- il-ħaxix ta' Triq Għajn Mhelhel. Is-Sindku qal li dan kien ser jinqata' mill-ħaddiema tal-Kunsill.
- *camping* u tqegħid ta' *caravans* taħt il-Qolla l-Bajda – qal għandu jsir infurzar għax fil-lokalita` tagħna ma teżistix *camping site*.
- biex isir passaġġ bis-siment taħt il-ħajt fil-Bajja tax-Xwejni jasal sa fuq iċ-ċagħaq. Kien miftiehem li ssir *site visit* mal-Perit.

**Trinka tal-Kumpanija GO**

8.8 Il-Viċi Sindku qal waqt li jirrispetta d-deċiżjoni meħuda, hu ddikjara l-pożizzjoni tiegħu dwar din it-trinka u ma jaqbilx li qed issir din it-trinka. Qal il-pożizzjoni tiegħu hi li GO kellhom imorru għal *aerial cabling*.

8.9 Is-Sindku qal kien sejjaħ laqgħa b' urġenza u min ried setgħa ġie għal din il-laqgħa.

8.10 Il-Viċi Sindku qal hu ma setgħax ikun preżenti għal din il-laqgħa ma' tal-GO għax kien qed ikun rikoverat l-isptar.

8.11 Il-Kunsillier Cassar qal hu ma setgħax ikun preżenti għal din il-laqgħa minħabba impenji ta' xogħol pero` jirrispetta d-deċiżjoni meħuda.

8.12 Il-Kunsillier Saliba qal il-Viċi Sindku għandu kull dritt jagħmel tali dikjarazzjoni pero` mhux ġustifikat.

8.13 Il-Viċi Sindku staqsih f' liema sens u talbu spjegazzjoni.

8.14 Il-Kunsilliera Grech ipproponiet u l-Kunsill qabel li flimkien mal-Valletta 18 ikun organizzat trasport għall-attivita` tas-Sette Guigno 'Pageant of the Seas'.

**8.15** Il-Kunsillier Cassar ippropona li fi Triq iż-Żebbuġ fejn it-triq ma tippermettix li jsir *parking* ta' vetturi, isiru marki tat-traffiku. Il-Kunsill iddeċieda li jagħmel talba lil Transport Malta biex kull fejn hemm bżonn fi Triq iż-Żebbuġ isiru *road markings*.

**8.16** Il-Kunsillier Saliba semma proposta li kien għamel biex gandott f' Ta' Abram jissaqqaf.

**8.17** Il-Kunsillier Saliba fakkar fil-kunċert tal-1 ta' Ġunju minn Kor minn ġewwa n-Norveġja.

**8.18** Il-Viċi Sindku ressaq talba biex titħalleb il-bankina ta' quddiem ir-residenza 36 Triq il-Madonna taċ-Ċiċri.

**8.19** Il-Kunsill approva x-xogħol relatat mat-tinda tal-boċċi *pitch* fil-*playing field* ta' maġenb l-iskola.

## 9. AĠĠORNAMENT

**9.1** Il-laqgħa ntemmet fid-9.15 ta' filgħaxija. Il-Kunsill aġġorna s-seduta għal-Ħamis 23 ta' Ġunju 2016 fis-6.00 ta' filgħaxija.

IFFIRMATA
***Nicky Saliba***
*Sindku*

IFFIRMATA
***Diane Tagliaferro***
*Segretarja Eżekuttiva*

Data: ***23 ta' Ġunju 2016***